**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni bin-numru 519/2024/1 MS fl-ismijiet:*

**Em@ney plc**

**Vs.**

**Absolute Holding Ltd u Tyke Holding Ltd**

1. Dan huwa dikriet dwar talba magħmula mir-rikorrenti b'rikors tal-25 ta' Marzu 2024 sabiex din il-qorti żżomm lill-intimati milli «*tkompli tagħmel l-ħwejjeġ imsemmija fir-rikors, u għalhekk umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti tinibixxi lill-intimat milli jkompli bil-laqgħat ġenerali proposti minnhom u/jew milli jgħaddu r-riżoluzzjonijiet minnhom proposti u dan kif pjanat illi għandhom jiġu diskussi nhar id-29 ta' Marzu 2024*».

2. Il-qorti laqgħet din it-talba provviżorjament b'dikriet tal-25 ta' Marzu, 2024, u ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimati li ngħataw żmien sabiex iwieġbu.

3. L-intimata Tyke Holding Limited wieġbet fit-2 t'April 2024 billi tat ir-raġunijiet għaliex hija kienet qed taqbel mat-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-mandat. L-intimata Absolute Holding Limited wieġbet fil-15 t'April 2024, u kkontestat it-talba tar-rikorrenti.

4. Inżammet udjenza fit-18 t'April 2024 li fiha d-difensuri tal-kontendenti trattaw ir-rikors.

5. Qabel xejn, il-qorti jidhrilha li jkun opportun li tindirizza l-«*preġudizzjali*» sollevata mir-rikorrenti waqt l-imsemmija udjenza. Din ġiet imfissra kif ġej:

> Dr. Tonio Azzopardi u Dr. Mary Grace Vella jissollevaw il-pregudizzjali ai termini tal-Art. 787 u 780 tal-Kap 12, fis-sens illi, filwaqt li r-risposta ta' Absolute Holdings Limited giet ikkonfermata bil-gurament minn Rosario Fiorentino, u cioe', il-persuna li fi zmien qasir ser jghaddi proceduri Kriminali f'pajjizhu minhabba numri ta' rejati finanzjarji, kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti, middokument EM2.4 esebiti llum, mehmuz mar-records ufficcjali tal-Malta Business Registry, li gie esebit llum, l-unika persuna li ghandha r-rapprezentanza gudizzjarja ta' Absolute Holdings Limited, huwa Francesco Malandrino, li huwa wkoll indikat bhala Direttur Segretarju u rapprezentant gudizzjarju. Rosario Fiorentino u Absolute Holdings Limited sabiex jaghmlu it-tip ta' kambjament fl-istruttura taghhom iridu wkoll, peress li huma 'shareholders' ta' kumpanija licenzjata u regolata mill-MFSA, jaghmlu l-'PQ Process' anke meta jkun hemm tibdiliet fl-istruttura socjetarja taghhom, u ghaldaqstant sallum l-Em@ney plc ma rceviet l-ebda rikjesta, lanqas sabiex isir il-'PQ Process', tal-kambjamenti fl-amministrazzjoni tal-kumpanija taghhom u lanqas xi tip t'approvazzjoni tal-MFSA, u dan kif johrog mir-regoli tal-MFSA

6. Fil-qosor, ir-rikorrenti tikkontesta li Rosario Fiorentino huwa l-persuna leġittima li tirrappreżenta lill-intimata Absolute Holding Limited fi proċeduri ġudizzjarji.

7. Din il-preġudizzjali, jew aħjar, kontro-eċċezzjoni jew replika tar-rikorrenti, hija nfondata. Il-ġurisprudenza żżomm li ħadd ma jista' jqajjem eċċezzjoni li biha jikkontesta s-setgħa ta' rappreżentant li jidher għan-nom ta' soċjetà fuq att ġudizzjarju.

F'dan is-sens issir riferenza għal dak deċiż mill-Qorti tal-Appell fil-kawża ***Joseph Borg noe vs. Accountant General et*** (16/2/1993 – Kollezz.LXXVII.ii.238), kif ukoll dak deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża ***Perry Limited vs. Mary Rose Micallef*** (21/3/2004).

8. Niġu issa għat-talba tar-rikorrenti.

9. L-artikolu 873(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid li: «*L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat*», filwaqt li l-artikolu 873(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid li, «*Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet*».

10. L-isfond fattwali tat-tilwima bejn il-kontendenti jista' jiġi riassunt kif ġej. L-intimati huma l-azzjonisti tar-rikorrenti, li hija kumpanija li topera fis-settur tal-ħlasijiet elettroniċi, u hija wkoll entità liċenzjata u kwindi regolata mill-Awtorità ta' Malta għas-Servizzi Finanzjarji. L-intimata Absolute Holding Limited hija l-azzjonista maġġoritarja, filwaqt li l-intimata Tyke Holding Limited hija l-azzjonista minoritarja. Huwa evidenti, mhux biss minn dawn l-atti imma wkoll minn atti ta' mandati t'inibizzjoni oħrajn li ġew quddiem din il-qorti, li hemm tilwima serja bejn l-azzjonisti. Billi huwa sewwa miżmum li l-qorti, fi proċedura bħal din, m'għandhiex tidħol fil-meritu tal-kwistjoni bejn il-kontendenti (ara f'dan is-sens ***Avv. Dr. Michael Psaila noe et vs. Nancy Caruana noe et***, Prim'Awla, 17/12/2021), huwa suffiċċjenti li jingħad li l-intimata Absolute Holding Limited trid teżerċita l-jeddijiet tagħha u tkeċċi d-diretturi tar-rikorrenti. L-intimata Tyke Holding Limited tgħid li din it-tkeċċija se tkun bi preġudizzju tad-drittijiet tagħha, u r-rikorrenti, immexxija mid-diretturi li huma l-oġġett tat-tkeċċija pjanata mill-intimata Absolute Holding Limited, tgħid ukoll li jekk din se titħalla tipproċedi bil-pjan tagħha, se tiġi serjament preġudikata t-tmexxija tar-rikorrenti stess b'konsegwenzi katastrofiċi fuq in-negozju tagħha.

11. Huwa miżmum li l-persuna li għandha l-leġittimazzjoni attiva dwar vjolazzjoni ta' drittijiet tal-kumpanija hija l-kumpanija nnifisha[1]. F'dan ir-rigward, il-qrati Maltin segwew it-tagħlim tal-qrati Ingliżi dwar il-liġi tal-kumpaniji (ara per eżempju ***Michael J. Falla vs. John H. Sorotos***, Appelli Kummerċjali, 12/3/1976; ***Cecil Pace pro et noe et vs. Emanuel A. Bonello pro et noe et***, Appell Superjuri, 31/7/1996[2]), li f'dan ir-rigward tennew dan l-istess prinċipju li kien miżmum fid-deċiżjoni antika ***Foss vs. Harbottle***[3]. Dan għalhekk ifisser li r-rikorrenti għandha kull jedd li tieħu azzjoni hija stess fir-rigward ta' azzjonijiet jew għemil li jippreġudikawha.

12. Il-qorti però ma jidhrilix li dak il-jedd jestendi ruħu għal jedd li żżomm l-azzjonist maġġoritarju milli jeżerċita l-jeddijiet tiegħu skont l-istatut u skont il-liġi. Kif tosserva tajjeb l-intimata Absolute Holding Limited, l-artikolu 140(1) tal-Att dwar il-Kumpaniji jipprovdi:

> Kumpanija tista' tneħħi direttur qabel ma jgħaddi ż-żmien tal-kariga tiegħu b'riżoluzzjoni li tittieħed f'laqgħa ġenerali tal-kumpanija u mgħoddija minn membru jew membri li jkollhom il-jedd li jattendu għaliha u jivvutaw, li flimkien ikollhom azzjonijiet li jagħtu l-jedd lid-detentur jew detenturi tagħhom għal iktar minn ħamsin fil-mija tal-jeddijiet tal-vot marbuta mal-azzjonijiet rappreżentati u li jagħtu l-jedd għal vot fil-laqgħa.

13. Dispożizzjoni din li tapplika «*...minkejja kull ħaġa li tinsab fil-memorandum jew fl-istatut tal-kumpanija jew f'xi ftehim bejnha u d-direttur*», kif jipprovdi bl-aktar mod ċar l-artikolu 140(2) tal-Att imsemmi. Fir-risposta tagħha, l-intimata Absolute Holding Limited tagħmel riferenza għal diversi deċiżjonijiet mogħtija fil-kuntest ta' mandati t'inibizzjoni, li l-qorti sejra telenka hawn taħt flimkien ma' deċiżjonijiet oħrajn magħrufa lilha minħabba r-rilevanza tagħhom:

    i. **Paul Hili vs. First Foods Franchises Limited** (Prim'Awla, 29/3/2007): «*Prima facie, ir-rikorrenti ma għandu l-ebda dritt illi jwaqqaf lis-soċjetà intimata milli issejjaħ il-laqgħa in kwistjoni għaliex din il-laqgħa tista' tinżamm skond id-*

[1] ***Prof. Andrew Muscat***, Principles of Maltese Company Law (MUP, 2nd Edition), paġna 1220.
[2] Kollezz. Vol.LXXX.ii.849.
[3] (1843) 2 Hare 461.

*disposizzjonijiet tal-Artikolu 140 tal-Kap. 386 u konsegwentement ir-rikorrenti m'għandux drittijiet x'jitħarsu*»;

ii. ***Suzanne Busuttil et pro et noe vs. Francis Busuttil & Sons Limited et*** (Prim'Awla, 31/1/2013): «*Dak li qed jitolbu r-rikorrenti hu in effett li ma jseħħux żewġ extraordinary general meetings biex ma tiġix diskussa u tittieħed deċiżjoni fuq tneħħija ta' direttriċi mill-kawża. Il-Qorti ma tifhimx fejn hu l-prima facie dritt vantat mir-rikorrenti qua direttriċi li tibqa f'din il-kariga nonostante talba għat-tneħħija li f'dan il-każ jidher li saret mill-azzjonisti tramite l-Bord tad-Diretturi biex tissejjaħ laqgħa straordinarja tal-kumpanija għal dan l-iskop. Il-liġi ma tippreskrivi ebda dritt li persuna appuntata direttriċi ma tistax titneħħa skond ma tippermetti l-liġi. L-artikolu 140 tal-Kap. 386 jagħti d-dritt lill-azzjonisti ta' kull soċjeta li b'riżoluzzjoni ta' aktar minn 50 fil-mija jneħħu direttur f'kull mument anki qabel it-tmiem tal-'period of office' tiegħu, u dan nonostante dak li jista' jippreskrivi l-memorandum and articles tal-kumpanija u kull ftehim bejn id-direttur u l-istess kumpanija. Jekk ovvjament id-direttur qed jitneħħa u fil-fatt jitneħħa għar-raġunijiet mhux leġittimi, għandu r-rimedju għad-danni, u jekk hu azzjonist, bħal f'dan il-każ, għandu r-rimedju li tagħtih il-liġi tal-kumpaniji*»;

iii. ***Jürgen Döring vs. AEE Renewables Limited et*** (Prim'Awla, 21/4/2014): «*Tqis ukoll li l-jedd prima facie jonqos għaliex id-deċiżjoni tat-tneħħija minn direttur hija jedd li l-liġi nnifisha tagħti lil kull kumpannija, minbarra li dan huwa jedd stabilit fl-Istatut u l-Memorandum tal-istess AEE; Tqis li, fil-qasam tad-dritt tal-kumpanniji, ma jidhirx li direttur għandu l-jedd li jwaqqaf kumpannija mlaqqa' kif imiss milli tneħħih mill-kariga, wkoll jekk din it-tneħħija ssir qabel xi żmien miftiehem. Dan jgħodd minkejja kull ħaġa li tinstab fl-istatut tal-istess kumpannija jew ta' xi ftehim li jkun sar bejn il-kumpannija u d-direttur li jkun*»;

iv. ***Dr. Douglas Aquilina et noe vs. LPTIC Services Limited et*** (Prim'Awla, 13/6/2016): «*Huwa dritt sovran tal-azzjonisti li permezz tal-organu suprem tal-kumpannija jaħtru u jneħħu lid-diretturi, għaliex dawn mhumiex impjegati imma persuni ta' fiduċja delegati mill-istess azzjonisti. Direttur m'għandu l-ebda dritt jibqa' fil-kariga kontra r-rieda tal-azzjonisti għas-sempliċi raġuni li huwa mhu xejn għajr il-mandatarju tagħhom u kif inhu sewwa magħruf mandat jista' jintemm fi kwalunkwe żmien għad-diskrezzjoni assoluta tal-mandant*»;

v. ***Edmond Mugliette noe vs. Dr John Gauci Maistre noe*** (Prim'Awla, 15/1/2015): «*Tqis li r-rikorrent nomine m'għandu ebda dritt fil-liġi li jista' jinvoka biex ma jkunx jista' jitneħħa, kif inhu stipulat fil-liġi, minn direttur tal-kumpannija*».

14. Huwa minnu li f'dan il-każ m'huwiex id-direttur li qed jieħu l-azzjoni inibitorja, iżda l-kumpanija nnifisha. Però huwa evidenti li din l-azzjoni tar-rikorrenti hija xprunata mid-diretturi li t-tkeċċija tagħhom hija mixtieqa mill-intimata Absolute Holding Limited. Dan apparti l-fatt li l-istess prinċipju li jitnissel mill-artikolu 140 japplika anki fejn l-azzjoni tittieħed mill-kumpanija nnifisha.

15. Jidher ċar għalhekk li kumpanija m'għandhiex mad-daqqa t'għajn il-jedd li twaqqaf lill-azzjonisti (jew agħar minn hekk, lil azzjonist partikolari) tagħha milli jieħdu d-deċiżjonijiet li l-liġi u l-istatut tal-kumpanija stess jippermettu li jittieħdu dwar it-tneħħija ta' direttur jew diretturi. Naturalment, jekk dawn id-deċiżjonijiet u azzjonijiet jippreġudikaw l-azzjonist minoritarju, dan jista' jkollu dritt t'azzjoni skont l-artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji. Però dan ma jinteressax din il-proċedura u għalhekk ma jbiddel xejn mill-konklużjoni li waslet għaliha din il-qorti.

16. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qiegħda tħassar u tirrevoka d-dikriet tagħha tal-25 ta' Marzu 2024 li bih laqgħet it-talba tar-rikorrenti provviżorjament, u tgħaddi biex tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra tagħha.

Mogħti kameralment fit-23 t'April, 2024.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur